**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 269/2014

## tas-17 ta' Marzu 2014

## dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

(ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 284/2014 tal-21 ta' Marzu 2014 | L 86 | 27 | 21.3.2014 |
| ►M2 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 433/2014 tat-28 ta' April 2014 | L 126 | 48 | 29.4.2014 |
| ►M3 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 476/2014 tat-12 ta' Mejju 2014 | L 137 | 1 | 12.5.2014 |
| ►M4 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 477/2014 tat-12 ta' Mejju 2014 | L 137 | 3 | 12.5.2014 |
| ►M5 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 577/2014 tas-27 ta' Mejju 2014 | L 160 | 7 | 29.5.2014 |
| ►M6 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 753/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 | L 205 | 7 | 12.7.2014 |
| ►M7 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 783/2014 tat-18 ta' Lulju 2014 | L 214 | 2 | 19.7.2014 |
| ►M8 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 810/2014 tal-25 ta' Lulju 2014 | L 221 | 1 | 25.7.2014 |
| ►M9 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 811/2014 tal-25 ta' Lulju 2014 | L 221 | 11 | 25.7.2014 |
| ►M10 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 826/2014 tat-30 ta' Lulju 2014 | L 226 | 16 | 30.7.2014 |
| ►M11 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 959/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 | L 271 | 1 | 12.9.2014 |
| ►M12 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 961/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 | L 271 | 8 | 12.9.2014 |
| ►M13 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2014 tas-17 ta' Novembru 2014 | L 331 | 1 | 18.11.2014 |
| ►M14 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2014 tat-28 ta' Novembru 2014 | L 344 | 5 | 29.11.2014 |
| ►M15 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/240 tad-9 ta' Frar 2015 | L 40 | 7 | 16.2.2015 |
| ►M16 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/427 tat-13 ta' Marzu 2015 | L 70 | 1 | 14.3.2015 |
| ►M17 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1514 tal-14 ta' Settembru 2015 | L 239 | 30 | 15.9.2015 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 294, 10.10.2014, p. 64 (269/2014)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 66, 11.3.2015, p. 20 (477/2014)

►C3 Emendi, Ġ.U. L 66, 11.3.2015, p. 21 (810/2014)

►C4 Emendi, Ġ.U. L 199, 29.7.2015, p. 46 (284/2014)

►C5 Emendi, Ġ.U. L 275, 20.10.2015, p. 68 (961/2014)

►C6 Emendi, Ġ.U. L 280, 24.10.2015, p. 38 (2015/1514)

▼B

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 269/2014**

**tas-17 ta' Marzu 2014**

**dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK ta' fis-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Marzu 2014, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri tal-Unjoni kkundannaw bil-qawwa l-vjolazzjoni mhux provokata tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukraina mill-Federazzjoni Russa u talbu lill-Federazzjoni Russa biex tirtira minnufih il-forzi armati tagħha għaż-żoni tal-istazzjonar permanenti tagħhom, skont il-ftehimiet relevanti. Huma talbu lill-Federazzjoni Russa biex tippermetti l-aċċess immedjat għall-osservaturi internazzjonali. Il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern ikkunsidraw li d-deċiżjoni tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li jseħħ referendum dwar l-istatus futur tat-territorju tmur kontra l-Kostituzzjoni tal-Ukraina u hija għal-hekk illegali.

(2) Il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern iddeċidew li jieħdu azzjonijiet, inklużi dawk previsti mill-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2014, b'mod partikolari li jissospendu t-taħditiet bilaterali mal-Federazzjoni Russa dwar kwistjonijiet dwar il-viżi kif ukoll it-taħditiet mal-Federazzjoni Russa dwar Ftehim ġdid komprensiv li kieku jieħu post il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni eżistenti.

(3) Il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern enfasizzaw li s-soluzzjoni għall-kriżi għandha tinstab permezz ta' negozjati bejn il-Gvernijiet tal-Ukraina u tal-Federazzjoni Russa, inkluż permezz ta' mekkaniżmi multilaterali potenzjali, u li fin-nuqqas ta' riżultati f'perjodu taż-żmien limitat, l-Unjoni tiddeċiedi dwar miżuri addizzjonali, bħal projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, l-iffriżar tal-assi u t-tħassir tas-samit bejn l-UE u r-Russja.

(4) Fil-17 ta' Marzu 2014 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK li tipprovdi għal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u għall-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti

([1]) Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

persuni responsabbli għall-azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, inklużi azzjonijiet dwar l-istatus futur ta' kwalunkwe parti tat-territorju li jmorru kontra l-Kostituzzjoni Ukraina u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom. Dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) Uħud minn dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati.

(6) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ ġust u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. Dan ir-Regolament jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u prinċipji.

▼C1

(7) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni politika fl-Ukraina u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-proċess tal-emendament u r-reviżjoni tal-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jeħtieġ li s-setgħa tal-emendament tal-lista fl-Anness I għal dan ir-Regolament tiġi eżerċitata mill-Kunsill.

▼B

(8) Il-proċedura għall-emendar tal-lista fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandha tinkludi l-għoti ta' raġunjijiet għall-elenkar lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi maħtura, sabiex tingħatalhom opportunità li jressqu osservazzjonijiet. Fejn jitressqu l-osservazzjonijiet, jew tiġi preżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jagħmel rieżami tad-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijeit u jinforma lill-persuna, entità jew korp konċernat b'mod xieraq.

(9) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tinħoloq ċertezza legali massima fl-Unjoni, l-ismijiet u dejta oħra relevanti li jikkonċernaw persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom jiġu ffriżati f'konformità ma' dan ir-Regolament, għandhom isiru pubbliċi. Kull ipproċessar ta' dejta personali għandu jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) u mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2).

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa jidħol fis-seħħ immedjatament,

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(2) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

▼B

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "pretensjoni" tfisser kull pretensjoni, sew asserita bi proċedimenti legali jew le, magħmula qabel jew wara, fis-17 ta' Marzu 2014 taħt jew b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:

(i) pretensjoni għat-twettiq ta' kull obbligu li jirriżulta skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta ma' wieħed minnhom;

(ii) pretensjoni għall-estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, ta' garanzija finanzjarja jew ta' indennizz ta' kull forma;

(iii) pretensjoni għal kumpens marbut ma' kuntratt jew tranżazzjoni;

(iv) kontropretensjoni;

(v) pretensjoni għall-għarfien jew l-infurzar, inkluż bil-proċedura ta' *exequatur*, ta' sentenza, ta' deċiżjoni bl-arbitraġġ jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn tittieħed jew tingħata;

(b) "kuntratt jew tranżazzjoni" tfisser kull tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, u sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan l-iskop, "kuntratt" tinkludi bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, u kreditu, sew jekk legalment indipendenti jew le, kif ukoll kwalunkwe dispożizzjoni relatata li taqa' taħt, jew b'konnessjoni mat-tranżazzjoni;

(c) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness II;

(d) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(e) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux biss, il-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom

(f) "l-iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kull moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi li b'kull mod jirriżulta fi xi bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew kull bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolji;

(g) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu, iżda mhux limitati għal:

▼B

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjoniet ta' flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi l-istokks u l-ishma, iċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet u kuntratti tad-derivattivi;

(iv) imgħax, dividends jew introjtu ieħor minn assi jew valur li jakkumula minnhom jew iġġenerat minnhom;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji tal-eżekuzzjoni jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ; kif ukoll

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew f'riżorsi finanzjarji;

(h) "territorju tal-Unjoni" tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

▼M3

*Artikolu 2*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. Ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I.

▼B

*Artikolu 3*

▼M9

1. L-Anness I jinkludi:

(a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw attivament jew li jimplimentaw, azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina, jew li jostakolaw ix-xogħol tal-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukraina, u ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi;

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina;

(c) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol li s-sjieda tagħhom ġiet ittrasferita bi ksur tal-liġi tal-Ukraina, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jkunu bbenefikaw minn tali trasferiment;

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li b'mod attiv jipprovdu materjal jew appoġġ finanzjarju, jew qed jibbenefikaw mill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li kienu responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol jew id-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina; jew

▼M11

(e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jagħmlu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbass fl-Ukraina.

▼B

2. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi konċernati.

3. L-Anness I għandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi konċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, kwalunke informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, inklużi psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

*Artikolu 4*

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, u tal-membri dipendenti tal-familji ta’ dawn il-persuni fiżiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, għall-kera jew għall-ipotekar, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta’ tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta’ spejjeż marbutin mal-forniment ta’ servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew imposti għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat ir-raġunijiet li fuqhom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 5*

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma soġġetti għal deċiżjoni arbitrarja stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fl-Artikolu 2 iddaħħlu fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

▼B

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jintużaw esklussivament biex jiġu sodisfatti pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; kif ukoll

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 6*

1. B'deroga mill-Artikolu 2 u bil-kundizzjoni li pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I ikun dovut skont kuntratt jew ftehim li ġie konkluż, jew skont obbligu li rriżulta għall-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernat, qabel id-data ta' meta dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp iddaħħlu fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu adattati, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew ta' riżorsi ekonomiċi, dejjem jekk l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jintużaw għal pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; kif ukoll

(b) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 2(2).

2. L-Istat Membru kkonċernat jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 7*

1. L-Artikolu 2(2) ma jwaqqafx l-ikkreditar ta' kontijiet iffriżati minn istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu li jirċievu fondi ttrasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna fiżika jew ġuridika, tal-entità jew tal-korp elenkati, dejjem jekk kull żieda f'dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu tinforma lill-awtorità kompetenti relevanti bi kwalunkwe tranżazzjoni bħal din, mingħajr dewmien.

2. L-Artikolu 2(2) ma japplikax maż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawn il-kontijiet;

(b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 2 jkunu ġew inklużi fl-Anness I; jew

▼B

(c) ħlasijiet dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fi Stat Membru jew infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat; u

dejjem jekk kull imgħax, qligħ u pagament ieħor bħal dan ikun iffriżat skont l-Artikolu 2(1).

*Artikolu 8*

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi:

(a) jagħtu minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-informazzjoni fuq kontijiet u l-ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz l-Istat Membru lill-Kummissjoni; kif ukoll

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti fi kwalnkwe verifika ta'informazzjoni.

2. Kull informazzjoni addizzjonali riċevuta direttament mill-Kummissjoni tkun disponibbli għall-Istati Membri.

3. Kull informazzjoni mogħtija jew riċevuta skont dan l-Artikolu tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta.

*Artikolu 9*

Il-parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artiklu 2 hija pprojbita.

*Artikolu 10*

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq in bona fede abbażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma joħloqx responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. L-azzjonijiet mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma jagħtux lok għal responsabbiltà tal-ebda xorta fuq in-naħa tagħhom jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼B

*Artikolu 11*

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni ta' dawn ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, mill-entitajiet jew mill-korpi elenkati fl-Anness I;

(b) kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz jew f'isem waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a).

2. Fi kwalunkwe proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat li l-issodisfar tal-pretensjoni mhux ipprojbit bil-paragrafu 1, ikun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu l-infurzar ta' din il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jaqsmu kull informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni:

(a) dwar il-fondi ffriżati skont l-Artikolu 2 u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 4, 5 u 6;

(b) dwar il-ksur, il-problemi ta' infurzar u s-sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar kull informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

Il-Kummissjoni għandu jkollha ssetgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

*Artikolu 14*

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp soġġetta għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2, għandu jemenda l-Anness I skont dan.

2. Il-Kunsill għandu jikkommunika d-deċiżjoni tiegħu, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp msemmija fil-paragrafu 1, sew direttament, jekk l-indirizz hu magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, billi l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw opportunià li jressqu l-osservazzjonijiet.

▼B

3. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jagħmel rieżami tad-deċiżjonijiet tiegħu u jinforma b'dan lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp.

4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari u għallanqas kull 12-il xahar.

*Artikolu 15*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, u jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

*Artikolu 16*

1. L-Istati Membri jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f’dan ir-Regolament u jidentifikawhom fuq il-websajts elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-indirizzi tal-websajts tagħhom elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

3. Meta dan ir-Regolament jippreżenta l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata jew infurmata, jew issir xi komunikazzjoni magħha xorta oħra, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li jintużaw għal din il-komunikazzjoni jkunu dawk indikati fl-Anness II.

*Artikolu 17*

Dan ir-Regolament japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew kull bastiment fil-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta’ Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta’ Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.

*Artikolu 18*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2**

▼M4

▼C2

*Persuni*

▼B

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| ▼M17 | | | | |
| 1. | Sergey Valeryevich AKSYONOV,<br>►C6 Sergei Valerievich AKSENOV(Сергей Валерьевич АКСёНОВ) ◄,<br>Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович Аксьонов) | Data tat-Twelid: 26.11.1972.<br>Post tat-Twelid: Beltsy (Bălți), issa r-Repubblika tal-Moldova | Aksyonov kien elett "Prim Ministru tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati favur ir-Russja. Il-"ħatra" tiegħu ġiet iddikjarata bħala li tmur kontra l-kostituzzjoni minn Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni b'mod attiv favur ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014. Mid-9 ta' Ottubru 2014, il-"Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea".<br>Membru tal-Presidium tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. | 17.3.2014 |
| 2. | Vladimir Andreevich Konstantinov<br>(Владимир Андреевич Константинов) | Data tat-Twelid: 19.11.1956<br>Post tat-Twelid: Vladimirovka (magħruf ukoll bħala Vladimirovca), Reġjun ta' Slobozia, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) jew<br>Bogomol, SSR tal-Moldova. | Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-Verkhovna Rada rigward ir-"referendum" kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-Indipendenza tal-Krimea. | 17.3.2014 |
| 3. | Rustam Ilmirovich Temirgaliev<br>(Рустам Ильмирович Темиргалиев) | Data tat-Twelid: 15.8.1976<br>Post tat-Twelid: Ulan-Ude, Buryat ASSR<br>(SFSR tar-Russja) (Russian SFSR) (SFSR tar-Russja) | Bħala eks Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri tal-Krimea, Temirgaliev kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Verkhovna Rada rigward ir-"referendum" kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni b'mod attiv favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 17.3.2014 |
| 4. | Denis Valentinovich Berezovskiy<br>(Денис Валентинович Березовский) | Data tat-Twelid: 15.7.1974<br>Post tat-Twelid: Kharkiv, SSR tal-Ukrajna | Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali tal-Ukrajna fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, biex b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna.<br>Imbagħad inħatar Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa. | 17.3.2014 |
| 5. | Aleksei Mikhailovich Chaliy<br>(Алексей Михайлович Чалый) | Data tat-Twelid: 13.6.1961<br>Post tat-Twelid: Moska jew Sevastopol | Chaliy sar "Sindku ta' Sevastopol" permezz ta' nomina popolari fit-23 ta' Frar 2014 u aċċetta dan il-"vot". Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum tas-16 ta' Marzu 2014. Huwa ffirma t-Trattat dwar l-adozzjoni tar-Repubblika tal-Krimea mir-Russja. President tal-Assemblea Leġislattiva tal-Belt ta' Sevastopol. | 17.3.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 6. | Pyotr Anatoliyovych Zima<br><br>(Пётр Анатольевич Зима) | Data tat-Twelid: 29.3.1965 | Zima nħatar bħala l-kap il-ġdid tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Krimea (SBU) fit-3 ta' Marzu 2014 mill-"Prim Ministru" Aksyonov u aċċetta din il-ħatra. Hu ta informazzjoni rilevanti inkluż bażi tad-data lis-Servizz tal-Intelligence Russu (SBU). Din kienet tinkludi informazzjoni dwar attivisti Ewro-Majdan u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Krimea. Huwa kellu rwol rilevanti biex jiġi evitat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna jkollhom kontroll tat-territorju tal-Krimea. Fil-11 ta' Marzu 2014 il-formazzjoni ta' Servizz ta' Sigurtà indipendenti tal-Krimea ġiet proklamata mill-eks uffiċjali tas-SBU tal-Krimea. | 17.3.2014 |
| 7. | Yuriy Gennadyevich Zherebtsov<br><br>(Юрий Геннадиевич Жеребцов) | Data tat-Twelid: 19.11.1969<br><br>Post tat-Twelid: Izmail, Odessa Region, SSR tal-Ukrajna jew Odessa | Kunsillier tal-Ispeaker tal-Verkhovna Rada tal-Krimea, wieħed mill-organizzaturi ewlenin tar-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Membru tal-Kamra Ċivika tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". | 17.3.2014 |
| 8. | Sergey Pavlovych Tsekov<br><br>(Сергей Павлович Цеков) | Data tat-Twelid: 29.9.1953 jew 23.9.1953<br><br>Post tat-Twelid: Simferopol | Viċi Speaker ta' Verkhovna Rada; Tsekov beda, flimkien ma' Sergey Aksyonov it-tneħħija illegali tal-gvern tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea (ARC). Huwa involva lil Vladimir Konstantinov f'dan it-tentattiv, waqt li heddu bit-tkeċċija tiegħu. Huwa rrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-suldati Russi biex jieħdu taħt il-kontroll tagħhom lill-Verkhovna Rada tal-Krimea. Huwa kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja.<br><br>Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". | 17.3.2014 |
| 9. | Ozerov, Viktor Alekseevich<br><br>(Виктор Алексеевич Озеров) | Data tat-Twelid: 5.1.1958<br><br>Post tat-Twelid: Abakan, Khakassia | President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Ozerov, f'isem il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 10. | Dzhabarov, Vladimir Michailovich<br><br>(Владимир Михайлович Джабаров) | Data tat-Twelid: 29.9.1952 | L-ewwel Viċi President tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Dzhabarov, f'isem il-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 11. | Klishas, Andrei Aleksandrovich<br><br>(Андрей Александрович Клишас) | Data tat-Twelid: 9.11.1972<br><br>Post tat-Twelid: Sverdlovsk | President tal-Kumitat dwar id-Dritt Kostituzzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi, Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "il-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-għoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea". | 17.3.2014 |
| 12. | Ryzhkov, Nikolai Ivanovich<br><br>(Николай Иванович Рыжков) | Data tat-Twelid: 28.9.1929<br><br>Post tat-Twelid: Dyleevka, reġjun ta' Donetsk, SSR tal-Ukrajna | Membru tal-Kumitat għall-kwistjonijiet federali, politika reġjonali u t-Tramuntana tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Ryzhkov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 13. | Bushmin, Evgeni Viktorovich<br><br>(Евгений Викторович Бушмин) | Data tat-Twelid: 4.10.1958<br><br>Post tat-Twelid: Lopatino, reġjun ta' Sergachiisky, RSFSR | Viċi Speaker tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Bushmin appoġġa pubblikament fil-Kunsill Federali l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 14. | Totoonov, Aleksandr Borisovich<br><br>(Александр Борисович Тотоонов) | Data tat-Twelid: 3.4.1957<br><br>Post tat-Twelid: Ordzhonikidze, fit-Tramuntana ta' Ossetia | Membru tal-Kumitat dwar il-kultura, ix-xjenza, u l-informazzjoni tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014, Totoonov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna | 17.3.2014 |
| 15. | Panteleev, Oleg Evgenevich<br><br>(Олег Евгеньевич Пантелеев) | Data tat-Twelid: 21.7.1952<br><br>Post tat-Twelid: Zhitnikovskoe, reġjun ta' Kurgan | Kien l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar Kwistjonijiet Parlamentari tal-Kunsill Federali.<br><br>Fl-1 ta' Marzu 2014, Panteleev appoġġa pubblikament,fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 16. | Mironov, Sergei Mikhailovich<br><br>(Сергей Михайлович Миронов) | Data tat-Twelid: 14.2.1953<br><br>Post tat-Twelid: Pushkin, reġjun ta' Leningrad | Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; Mexxej tal-fazzjoni Fair Russia fid-Duma tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Oriġinatur tal-liġi li tippermetti lill-Federazzjoni Russa tinkludi fil-kompożizzjoni tagħha, taħt il-pretest tal-protezzjoni taċ-ċittadini Russi, territorji ta' pajjiż barrani mingħajr il-kunsens ta' dak il-pajjiż jew ta' trattat internazzjonali. | 17.3.2014 |
| 17. | Zheleznyak, Sergei Vladimirovich<br><br>(Сергей Владимирович Железняк) | Data tat-Twelid: 30.7.1970<br><br>Post tat-Twelid: San Pietruburgu (qabel kien Leningrad) | Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 18. | Slutski, Leonid Eduardovich<br><br>(Леонид Эдуардович Слуцкий) | Data tat-Twelid: 4.1.1968<br><br>Post tat-Twelid: Moska | President tal-Kumitat tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti (CIS) tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa (membru ta' LDPR).<br><br>Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. | 17.3.2014 |
| 19. | Vitko, Aleksandr Viktorovich<br><br>(Александр Викторович Галкин) | Data tat-Twelid: 13.9.1961<br><br>Post tat-Twelid: Vitebsk (SSR tal-Belarussja) | Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall.<br><br>Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 20. | Sidorov, Anatoliy Alekseevich<br><br>(Анатолий Алексеевич Сидоров) | Data tat-Twelid: 2.7.1958<br><br>Post tat-Twelid: Siva, reġjun ta' Perm, USSR | Kmandant, Distrett Militari tal-Punent tar-Russja, li wħud mill-unitajiet tiegħu huma stazzjonati fil-Krimea. Huwa responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea fl-impediment ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet lejn referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. | 17.3.2014 |
| 21. | Galkin, Viktorovich Aleksandr<br><br>(Александр Викторович Галкин) | Data tat-Twelid: 22.3.1958<br><br>Post tat-Twelid: Ordzhonikidze, ASSR tat-Tramuntana ta' Ossetia | Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja, li l-forzi tiegħu jinsabu fil-Krimea; il-Flotta tal-Baħar l-Iswed tiġi taħt il-kmand ta' Galkin; ħafna mill-moviment tal-forza fil-Krimea seħħ minn ġewwa d-Distrett Militari tan-Nofsinhar.<br><br>Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja ("SMD"). Il-forzi ta' SMD huma stazzjonati fil-Krimea. Huwa responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea fl-impediment ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet lejn referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Barra minn hekk, il-Flotta tal-Baħar l-Iswed taqa' taħt il-kontroll tad-Distrett. | 17.3.2014 |
| 22. | Rogozin, Dmitry Olegovich<br><br>(Дмитрий Олегович Рогозин) | Data tat-Twelid: 21.12.1963<br><br>Post tat-Twelid: Moska | Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. | 21.3.2014 |
| 23. | Glazyev, Yurievich Sergey<br><br>(Сергей Юрьевич Глазьев) | Data tat-Twelid: 1.1.1961<br><br>Post tat-Twelid: Zaporozhye, (SSR tal-Ukrajna) | Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. | 21.3.2014 |
| 24. | Matviyenko, Valentina Ivanova (twieldet Tyutina)<br><br>(Валентина Ивановна Матвиенко (twieldet Тютина)) | Data tat-Twelid: 7.4.1949,<br><br>Post tat-Twelid: Reġjun ta' Shepetovka, Khmelnitsky (Kamenets-Podolsky) (SSR tal-Ukrajna) | Speaker tal-Kunsill Federali. Fl-1 ta' Marzu 2014, appoġġat pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 21.3.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 25. | Naryshkin, Sergei Evgenevich<br><br>(Сергей Евгеньевич Нарышкин) | Data tat-Twelid: 27.10.1954<br><br>Post tat-Twelid: San Pietruburgu (qabel kien Leningrad) | Speaker tad-Duma tal-Istat. Appoġġa pubblikament l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Appoġġa pubblikament it-trattat ta' riunifikazzjoni tar-Russja u l-Krimea u l-liġi kostituzzjonali federali relatata. | 21.3.2014 |
| 26. | Dmitry Konstantinovich KISELYOV,<br><br>Dmitrii Konstantinovich KISELEV<br><br>(Дмитрий Константинович Киселёв) | Data tat-Twelid: 26.4.1954<br><br>Post tat-Twelid: Moska | Maħtur b'Digriet Presidenzjali fid-9 ta' Diċembru 2013 bħala Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet "Rossiya Segodnya" tal-Istat Federali Russu.<br><br>Figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-iskjerament ta' forzi Russi fl-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 27. | Nosatov, Alexander Mihailovich<br><br>(Александр Михайлович Носатов) | Data tat-Twelid: 27.3.1963<br><br>Post tat-Twelid: Sevastopol, (SSR tal-Ukrajna) | Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall.<br><br>Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 28. | Kulikov, Valery Vladimirovich<br><br>(Валерий Владимирович Куликов) | Data tat-Twelid: 1.9.1956<br><br>Post tat-Twelid: Zaporozhye, (SSR tal-Ukrajna) | Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall.<br><br>Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 29. | Surkov, Vladislav Yurievich<br><br>(Владислав Юрьевич Сурков) | Data tat-Twelid: 21.9.1964,<br><br>Post tat-Twelid: Solntsevo, reġjun ta' Lipetsk | Ajjutant tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet sabiex jheddu l-awtoritajiet tal-Ukrajna fil-Krimea. | 21.3.2014 |
| 30. | Mikhail Grigorievich Malyshev<br><br>(Александр Викторович Галкин) | Data tat-Twelid: 10.10.1955<br><br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea | President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-referendum tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar- referendum. | 21.3.2014 |
| 31. | Valery Kirillovich Medvedev<br><br>(Михаил Григорьевич Малышев) | Data tat-Twelid: 21.8.1946<br><br>Post tat-Twelid: Shmakovka, Reġjun ta' Primorsky | President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-referendum tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar- referendum. | 21.3.2014 |
| 32. | Logutenent Ġenerali Igor Nikolaevich (Mykolayovich) Turchenyuk<br><br>(Игорь Николаевич Турченюк) | Data tat-Twelid: 5.12.1959<br><br>Post tat-Twelid: Osh, SSR tal-Kirgiżistan | Kmandant de facto tat-truppi Russi stazzjonati fuq il-post fil-Krimea (li r-Russja għadha ssejjaħ uffiċjalment "milizzji lokali għall-awtodifiża"). Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. | 21.3.2014 |
| 33. | Elena Borisovna Mizulina (imwielda Dmitriyeva)<br><br>(Елена Борисовна Мизулина (imwielda Дмитриева) | Data tat-Twelid: 9.12.1954<br><br>Post tat-Twelid: Bui, reġjun ta' Kostroma | Deputat fid-Duma tal-Istat. Oriġinatur u kosponsor ta' proposti leġislattivi reċenti fir-Russja li kienu ser jippermettu li reġjuni ta' pajjiżi oħra jissieħbu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel mill-awtoritajiet ċentrali tagħhom. | 21.3.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 34. | Dmitry Nikolayevich Kozak<br><br>(Дмитрий Николаевич Козак) | Data tat-Twelid: 7.11.1958<br><br>Post tat-Twelid: Bandurovo, reġjun ta' Kirovograd, SSR tal-Ukrajna | Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |
| 35. | Oleg Yevgenyvich Belaventsev<br><br>(Олег Евгеньевич Пантелеев) | Data tat-Twelid: 15.9.1949<br><br>Post tat-Twelid: Moska | Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-hekk imsejjaħ "Distrett Federali Krimean", Membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu. Responsabbli mill-implimentazzjoni tal-prerogattivi kostituzzjonali tal-Kap tal-Istat Russu fit-territorju tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea. | 29.4.2014 |
| 36. | Oleg Genrikhovich Savelyev<br><br>(Олег Генрихович Савельев) | Data tat-Twelid: 27.10.1965<br><br>Post tat-Twelid: Leningrad | Ministru għall-Affarijiet Krimeani. Responsabbli mill-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |
| 37. | Sergei Ivanovich Menyailo<br><br>(Сергей Иванович Меняйло) | Data tat-Twelid: 22.8.1960<br><br>Post tat-Twelid: Alagir, Tramuntana ta' Ossetia,<br><br>SSR Awtonoma, RSFSR | Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol. | 29.4.2014 |
| 38. | Olga Fedorovna Kovatidi<br><br>(Ольга Фёдоровна Ковитиди) | Data tat-Twelid: 7.5.1962<br><br>Post tat-Twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna | Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea. | 29.4.2014 |
| ▼M16 | | | | |
| ▼M17 | | | | |
| 40. | Sergei Ivanovich Neverov<br><br>(Сергей Иванович Неверов) | Data tat-Twelid: 21.12.1961<br><br>Post tat-Twelid: Tashtagol, USSR | Viċi President tad-Duma tal-Istat, Russja Unita. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |
| 41. | Igor Dmitrievich SERGUN<br><br>(Игорь Дмитриевич Сергун) | Data tat-Twelid: 28.3.1957<br><br>Post tat-Twelid: Podolsk, Oblast ta' Moska | Direttur tal-GRU (Direttorat Prinċipali tal-Intelligence), Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Logutenent Ġeneral. Responsabbli għall-attività tal-uffiċjali tal-GRU fil-Lvant tal-Ukrajna. | 29.4.2014 |
| 42. | Valery Vasilevich Gerasimov<br><br>(Валерий Васильевич Герасимов) | Data tat-Twelid: 8.9.1955<br><br>Post tat-Twelid: Kazan | Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, l-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, Ġeneral tal-Armata. Responsabbli mill-istazzjonament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u naqas milli jtaffi t-tensjoni tas-sitwazzjoni. | 29.4.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 43. | German Prokopiv | | Mexxej attiv tal-"Gwardja ta' Lugansk". Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Lugansk. Rabtiet mill-qrib mal-"Armata tax-Xlokk". | 29.4.2014 |
| 44. | Valeriy Dmitrievich Bolotov<br><br>(Валерий Дмитриевич Болотов) | Data tat-Twelid: 13.2.1970<br><br>Post tat-Twelid: Luhansk | Wieħed mill-mexxejja tal-grupp separatist, l-"Armata tax-Xlokk", li okkupa l-bini tas-Servizz ta' Sigurtà fir-reġjun ta' Lugansk. Uffiċjal irtirat. Qabel ma ħatfu l-bini, huwa u kompliċi oħrajn kienu fil-pussess ta' armi li mid-dehra ġew fornuti illegalment mir-Russja u minn gruppi kriminali lokali. | 29.4.2014 |
| 45. | Andriy Yevgenovych PURGIN<br><br>(Андрій Евгенович Пургін),<br><br>Andrei Evgenevich PURGIN<br><br>(Андрей Евгеньевич Пургин) | Data tat-Twelid: 26.1.1972<br><br>Post tat-Twelid: Donetsk | L-eks Kap tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-"turisti Russi" f'Donetsk. Kofundatur ta' "Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika". L-hekk imsejjaħ "President" tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 29.4.2014 |
| 46. | Denys Volodymyro-vych PUSHYLIN<br><br>(Денис Володимирович Пушилін),<br><br>Denis Vladimirovich PUSHILIN<br><br>(Денис Владимирович Пушилин) | Data tat-Twelid: 9.5.1981 jew 9.5.1982<br><br>Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk) | Wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjo-nali. Kelliem attiv għas-separatisti. L-hekk imsejjaħ "Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 29.4.2014 |
| 47. | Tsyplakov Sergey Gennadevich | Data tat-Twelid: 1.5.1983<br><br>Post tat-Twelid: Khartsyzsk, Oblast ta' Donetsk | Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-Milizzja Popolari ta' Donbas. Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-istat fir-reġjun ta' Donetsk. | 29.4.2014 |
| 48. | Igor Vsevolodovich Girkin<br><br>(Игорь Всеволодович Гиркин) magħruf ukoll bħala Igor Strelkov (Ihor Strielkov) | Data tat-Twelid: 17.12.1970<br><br>Post tat-Twelid: Moska | Identifikat bħala persunal tad-Direttorat Prin-ċipali tal-Intelligence tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Kien involut f'inċidenti fi Sloviansk. Huwa assistent fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' Sergey Aksionov, li ddikjara lilu nnifsu prim Ministru tal-Krimea. Kap tal-moviment pubbliku "Novorossia". | 29.4.2014 |
| 49. | Vyacheslav Viktoro-vich Volodin<br><br>(Вячеслав Викторович Володин) | Data tat-Twelid: 4.2.1964<br><br>Post tat-Twelid: Alekseevka, reġjun ta' Saratov. | L-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tar-Russja. Responsabbli mis-superviżjoni tal-integrazzjoni politika tar-reġjun Ukren tal-Krimea anness fil-Federazzjoni Russa. | 12.5.2014 |
| 50. | Vladimir Anatolievich Shamanov<br><br>(Владимир Анатольевич Шаманов) | Data tat-Twelid: 15.2.1957<br><br>Post tat-Twelid: Barnaul. | Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil-pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu, huwa responsabbli mill-iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea. | 12.5.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 51. | Vladimir Nikolaevich Pligin<br><br>(Владимир Николаевич Плигин) | Data tat-Twelid: 19.5.1960<br><br>Post tat-Twelid: Ignatovo,<br><br>Oblast ta' Vologodsk, USSR. | President tal-Kumitat tal-Liġijiet Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli għall-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. | 12.5.2014 |
| 52. | Petr Grigorievich JAROSH<br><br>(Петр Григорьевич Ярош) | Data tat-Twelid: 30.1.1971 jew 16.3.1966<br><br>Post tat-Twelid: Villaġġ ta' Skvortsovo, reġjun ta' Simferopol, il-Krimea | Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għall-Krimea. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti tal-Krimea. | 12.5.2014 |
| 53. | Oleg Grigorievich Kozyura<br><br>(Олег Григорьевич Козюра) | Data tat-Twelid: 19.12.1962<br><br>Post tat-Twelid: Zaporozhye | Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti ta' Sevastopol. | 12.5.2014 |
| 54. | Viacheslav PONOMARIOV,<br><br>Vyacheslav Volodymyrovich PONOMARYOV<br><br>(В'ячеслав Володимирович Пономарьов),<br><br>Viacheslav Vladimirovich PONOMAREV<br><br>(Вячеслав Владимирович Пономарёв) | Data tat-Twelid: 2.5.1965<br><br>Post tat-Twelid: Sloviansk (oblast ta' Donetsk) | L-eks sindku awtodikjarat ta' qabel ta' Slaviansk. Ponomariov appella lil Vladimir Putin biex jibgħat truppi Russi biex jipproteġu l-belt u aktar tard talbu jipprovdi l-armi. In-nies ta' Ponomariov huma involuti fil-ħtif ta' persuni (huma qabdu lil Irma Krat u Simon Ostrovsky, ġurnalist għal Vice News, aktar tard dawn it-tnejn inħelsu; huma żammew maqbuda osservaturi militari li kienu qed jaġixxu taħt id-Dokument ta' Vjenna tal-OSKE). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 12.5.2014 |
| 55. | Igor Nikolaevich Bezler<br><br>(Игорь Николаевич Безлер) magħruf ukoll bħala Bes (devil) | Data tat-Twelid: 30.12.1965<br><br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea | Wieħed mill-mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tal-Uffiċċju tal-Ukrajna għas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fil-belt ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Igor Girkin li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka skont l-SBU. | 12.5.2014 |
| ▼M16 | | | | |
| 56. | Igor Evgenevich KAKIDZYANOV<br><br>(Игорь Евгеньевич Какидзянов),<br><br>Igor Evegenevich KHAKIMZYANOV<br><br>(Игорь Евгеньевич Хакимзянов) | Kellu 33 sena fit-8.5.2014<br><br>Possibbilment imwieled fil-25 ta' Lulju 1980 f'Makiivka (Donetsk oblast) | Wieħed mill-mexxejja tal-forzi armati tal-awtoproklamata "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-għan tal-forzi huwa li "jipproteġu l-poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u l-integrità territorjali tar-repubblika" skont Pushylin, wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.5.2014 |

▼B

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 57. | Oleg TSARIOV,<br>Oleh Anatoliyovych TSAROV<br>(Олег Анатолтович Царьов),<br>Oleg Anatolevich TSAREV<br>(Олег Анатольевич Царёв) | Data tat-Twelid: 2.6.1970<br>Post tat-Twelid: Dnepropetrovsk | Ex membru tar-Rada, bħala tali appella pubblikament għall-ħolqien tal-hekk imsejħa "Repubblika Federali tan-Novorossiya", magħmula mir-reġjuni Ukreni tax-xlokk. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.5.2014 |
| 58. | Roman Viktorovich Lyagin<br>(Роман Викторович Лягин) | Data tat-Twelid: 30.5.1980,<br>Post tat-Twelid: Donetsk, Ukrajna | Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". eks "Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali". | 12.5.2014 |
| 59. | Aleksandr Sergeevich MALYKHIN,<br>Alexander Sergeevich MALYHIN<br>(Александр Сергеевич Малнхин) | Data tat-Twelid: 12.1.1981 | Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". | 12.5.2014 |
| 60. | Natalia Vladimirovna Poklonskaya<br>(Наталья Владимировна Поклонская) | Data tat-Twelid: 18.3.1980<br>Post tat-twelid: Mikhailovka, reġjun ta' Voroshilovgrad, SSR tal-Ukrajna jew Yevpatoria, SSR tal-Ukrajna | Prosekutur tal-Krimea. Implementat b'mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja. | 12.5.2014 |
| 61. | Igor Sergeievich Shevchenko<br>(Игорь Сергеевич Шевченко) | Post tat-Twelid: Sevastopol, il-Krimea | Prosekutur ta' Sevastopol. Implementa b'mod attiv l-annessjoni ta' Sevastopol mir-Russja. | 12.5.2014 |
| 62. | Aleksandr Yurevich BORODAI<br>(Александр Юрьевич Бородай) | Data tat-Twelid: 25.7.1972<br>Post tat-Twelid: Moska | Dak li kien jissejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li "l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-'faxxisti' Ukreni"), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti". | 12.7.2014 |
| 63. | Alexander KHODAKOVSKY,<br>Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKIY<br>(Олександр Сергійович Ходаковський),<br>Aleksandr Sergeevich KHODAKOVSKII<br>(Александр Сергеевич Ходаковский) | Data tat-Twelid: 18.12.1972<br>Post tat-Twelid: Donetsk | Dak li kien jissejjaħ "Ministru għas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti. | 12.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 64. | Alexandr Aleksandrovich KALYUSSKY,<br>(Александр Александрович Калюсский) | Data tat-Twelid: 9.10.1975 | L-hekk imsejjaħ "de facto Viċi Prim Ministru għall-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.7.2014 |
| 65. | Alexander KHRYAKOV,<br>Aleksandr Vitalievich KHRYAKOV<br>(Александр Витальевич Хряков),<br>Oleksandr Vitaliyovych KHRYAKOV<br>(Олександр ВіТалійович Хряков) | Data tat-Twelid: 6.11.1958<br>Post tat-Twelid: Donetsk | Dak li kien jissejjaħ "Ministru għall-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet ta' propaganda favur is-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.7.2014 |
| 66. | Marat Faatovich BASHIROV<br>(Марат Фаатович Баширов) | Data tat-Twelid: 20.1.1964<br>Post tat-Twelid: Izhevsk, il-Federazzjoni Russa | Dak li kien jissejjaħ "Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk", ikkonfermat fit-8 ta' Lulju 2014.<br>Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". | 12.7.2014 |
| 67. | Vasyl NIKITIN,<br>Vasilii Aleksandrovich NIKITIN<br>(Василий Александрович Никитин) | Data tat-Twelid: 25.11.1971<br>Post tat-Twelid:: Shargun (Uzbekistan) | L-hekk imsejjaħ "Viċi Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk", (qabel kien l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk", u kien kelliem tal-"Armata tax-Xlokk").<br>Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".<br>Responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-Armata tax-Xlokk li l-elezzjonijiet presidenzjali Ukreni fir-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk" ma jistgħux isiru minħabba l-istatus il-"ġdid tar-reġjun". | 12.7.2014 |
| 68. | Aleksey Vyacheslavovich KARYAKIN<br>(Алексей Вячеславович Карякин) | Data tat-Twelid: 7.4.1980 jew 7.4.1979<br>Post tat-Twelid: Stakhanov (oblast ta' Lugansk) | L-hekk imsejjaħ "President tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".<br>Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-"Kunsill Suprem", responsabbli għat-talba lill-Federazzjoni Russa biex tirrikonoxxi l-indipendenza tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".<br>Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya". | 12.7.2014 |
| 69. | Yuriy Volodymyrovych IVAKIN<br>(Юрій Володимирович Івакін),<br>Iurii Vladimirovich IVAKIN<br>(Юрий Владимирович Ивакин) | Data tat-Twelid: 13.8.1954<br>Post tat-Twelid: Perevalsk (oblast ta' Lugansk) | Dak li kien jissejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". | 12.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 70. | Igor PLOTNITSKY, Igor Venediktovich PLOTNITSKII (Игорь Венедиктович Плотницкий) | Data tat-Twelid: 24.6.1964 jew 25.6.1964 jew 26.6.1964 Post tat-Twelid: Lugansk (possibilment f'Kelmentsi, oblast ta' Chernivtsi) | Dak li kien jissejjaħ "Ministru għad-Difiża" ta' qabel u bħalissal-hekk imsejjaħ "Kap" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". | 12.7.2014 |
| 71. | Nikolay KOZITSYN | Data tat-Twelid: 20.6.1956 Post tat-Twelid: Reġjun ta' Donetsk | Kmandant tal-forzi Kosakki. Responsabbli għall-kmand tas-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra l-forzi tal-gvern Ukren. | 12.7.2014 |
| ——— | | | | |
| 73. | Mikhail Efimovich FRADKOV (Михаил Ефимович Фрадков) | Data tat-Twelid: 1.9.1950 Post tat-Twelid: Kurumoch, reġjun ta' Kuibyshev | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 74. | Nikolai Platonovich PATRUSHEV (Николай Платонович Патрушев) | Data tat-twelid: 11.7.1951 Post tat-Twelid: Leningrad (San Pietruburgu). | Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 75. | Aleksandr Vasilievich BORTNIKOV (Александр Васильевич Бортников) | Data tat-Twelid: 15.11.1951 Post tat-Twelid: Perm | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Direttur tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 76. | Rashid Gumarovich NURGALIEV (Рашид Гумарович Нургалиев) | Data tat-Twelid: 8.10.1956 Post tat-Twelid: Zhetikara, Repubblika Soċjalista Sovjetika Kazaka | Membru permanenti u Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 77. | Boris Vyacheslavovich GRYZLOV<br><br>(Борис Вячеславович Грызлов) | Data tat-twelid: 15.12.1950<br><br>Post tat-Twelid: Vladivostok | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 78. | Sergei Orestovoch BESEDA<br><br>(Сергей Орестович Беседа) | Data tat-Twelid: 17.5.1954 | Kmandant tal-Ħames Servizz tal-FSB, is-Servizz Federali ta' Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Bħala uffiċjali għoli tal-FSB, huwa jmexxi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali. | 25.7.2014 |
| 79. | Mikhail Vladimirovich DEGTYAREV<br><br>(Михаил Владимирович Дегтярёв) | Data tat-twelid: 10.7.1981<br><br>Post tat-Twelid: Kuibyshev (Samara) | Membru tad-Duma tal-Istat.<br><br>Fit-23.5.2014 huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata de facto" tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" f'Moska, huwa jikkontribwixxi għad-dgħajfien jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 80 | Ramzan Akhmadovitch KADYROV<br><br>(Рамзан Ахматович Кадыров) | Data tat-Twelid: 5.10.1976<br><br>Post tat-Twelid: Tsentaroy. | President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. Kadyrov għamel dikjarazzjonijiet b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u b'appoġġ għar-ribelljoni armata fl-Ukrajna. Fl-14 ta' Ġunju 2014 huwa ddikjara fost affarijiet oħra li hu "ser jagħmel minn kollox biex jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-Krimea". F'dak il-kuntest, huwa ngħata l-medalja għal-"liberazzjoni tal-Krimea" mill-Aġent Kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. Barra minn hekk, fl-1 ta' Ġunju 2014 huwa qal li huwa lest jibgħat 74 000 voluntier Ċeċen fl-Ukrajna jekk jintalab jagħmel dan. | 25.7.2014 |
| 81. | Alexander Nikolayevich TKACHYOV<br><br>(Александр Николаевич Ткачёв) | Data tat-Twelid: 23.12.1960<br><br>Post tat-twelid: Vyselki, reġjun ta' Krasnodar | L-eks Gvernatur tal-Krasnodar Krai.<br><br>Ingħata l-medalja "għal-liberazzjoni tal-Krimea" mill-Aġent kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. Fl-okkażjoni, l-Aġent Kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħhom għat-"tmexxija" l-ġdida tal-Krimea. | 25.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 82. | Pavel GUBAREV<br><br>(Павел Юрьевич Губарев) | Data tat-Twelid: 10.2.1983<br><br>Post tat-Twelid: Sievierodonetsk | Wieħed minn dawk li jiddefinixxu lilhom infushom mexxejja tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa talab l-intervent Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, inkluż permezz tal-iskjerament ta' forzi tażżamma tal-paċi Russi. Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li hu responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Gubarev huwa responsabbli mir-reklutaġġ ta' nies għall-forzi armati tas-separatisti.<br><br>Responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu bħala l-"gvernatur tal-poplu".<br><br>Minkejja li ġie arrestat għat-theddid tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, u sussegwentement inħeles, huwa kompla jilgħab rwol prominenti fl-attivitajiet separatisti, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 83. | Ekaterina Iurievna GUBAREVA<br><br>(Екатерина Юрьевна Губарева),<br><br>Katerina Yuriyovna GUBARIEVA<br><br>(Катерина Юрійовна Губарева) | Data tat-Twelid: 5.7.1983<br><br>Post tat-Twelid: Kakhovka (oblast ta' Kherson) | Fil-kapaċità tagħha bħala dak li kien jissejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" ta' qabel hija kienet responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għaldaqstant iddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-kont tal-bank tagħha jintuża biex jiffinanzja gruppi separatisti illegali. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità għalhekk hija appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 25.7.2014 |
| 84. | Fedor Dmitrievich BEREZIN<br><br>(Фёдор Дмитриевич Березин),<br><br>Fedir Dmitrovych BEREZIN<br><br>(Федір Дмитрович Березін) | Data tat-Twelid: 7.2.1960<br><br>Post tat-Twelid: Donetsk | Dak li kien jissejjaħ "viċi Ministru għad-difiża" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin, li hu responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità Berezin għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 25.7.2014 |
| 85. | Valery Vladimirovich KAUROV<br><br>Валерий Владимирович Кауров | Data tat-Twelid: 2.4.1956<br><br>Post tat-Twelid: Odessa | L-hekk imsejjaħ "president" tal-hekk imsejħa "Repubblika ta' Novorossiya" li appella lir-Russja biex tiskjera truppi fl-Ukrajna. Billi ħa u aġixxa f'din il-kapaċità huwa għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 86. | Serhii Anatoliyovych ZDRILIUK<br><br>Сергей Анатольевич Здрнлюкv | Data tat-Twelid: 23.6.1972<br><br>Post tat-Twelid: Reġjun ta' Vinnytsia | Assistent għoli ta' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi ħa u aġixxa f'din il-kapaċità, Zdriliuk għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 87. | Vladimir ANTYU-FEYEV<br><br>Владимир Антюфеев<br><br>(magħruf ukoll bħala Vladimir SHEVTSOV, Vladimir Iurievici ANTIUFEEV, Vladimir Gheorghievici ALEXANDROV, Vadim Gheorghievici SHEVTSOV) | Data tat-Twelid: 19.2.1951<br><br>Post tat-Twelid: Novosibirsk | Ex "Ministru tas-Sigurtà tal-Istat" fir-reġjun separatist tat-Transnistrija. Eks viċi prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk, responsabbli għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi. Fil-kapaċità tiegħu, huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" tas-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 25.7.2014 |
| 88. | Alexey Alexeyevich GROMOV<br><br>(Алексей Алексеевич Громов) | Data tat-Twelid: 31.5.1960<br><br>Post tat-Twelid: Zagorsk (Sergiev Posad) | Bħala l-ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, huwa responsabbli mill-għoti ta' struzzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni Russi biex jieħdu pożizzjoni favorevoli mas-separatisti fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea, u b'hekk jappoġġa d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. | 30.7.2014 |
| ▼M16 | | | | |
| 89. | Oksana TCHIGRINA,<br><br>Oksana Aleksandrovna CHIGRINA<br><br>(Оксана Алексан-дровна Чигрина) | Kellha 33 sena fl-1.8.2014<br><br>Possibbilment imwielda fit-23.7.1981 | Kelliema tal-hekk imsejjaħ "gvern" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk" li għamlet dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw fost oħrajn it-twaqqigħ ta' ajruplan militari Ukrain, it-teħid ta' ostaġġi, attivitajiet ta' ġlied mill-gruppi armati illegali, li bħala konsegwenza dgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |
| ▼M17 | | | | |
| 90. | Boris Alekseevich LITVINOV<br><br>(Борис Алексеевич Литвинов) | Data tat-Twelid: 13.1.1954<br><br>Post tat-Twelid: Dzerzhynsk (oblast ta' Donetsk) | Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" u kien president tal-hekk imsejjaħ "Kunsill Suprem" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" li kien responsabbli għall-politika u l-organizzazzjoni tar-"referendum" illegali li wasslu għall-proklamazzjoni tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", li kkostitwixxiet ksur tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |
| 91. | Sergey Vadimovich ABISOV<br><br>(Сергей Вадимович Абисов) | Data tat-twelid: 27.11.1967<br><br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea | Billi aċċetta l-ħatra tiegħu bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea" mill-President tar-Russja (digriet Nru 301) fil-5 ta' Mejju 2014 u bl-azzjonijiet tiegħu bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern" huwa dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 92. | Arkady Romanovich ROTENBERG,<br><br>Arkadii Romanovich ROTENBERG<br><br>(Аркадий Романович Ротенберг) | Data tat-Twelid: 15.12.1951<br><br>Post tat-Twelid: Leningrad (San Pietruburgu). | Is-Sur Rotenberg ilu jaf għal żmien twil lill-President Putin u kien jipprattika l-judo miegħu.<br><br>Huwa stagħna matul it-tmexxija tal-President Putin. Il-livell tiegħu ta' suċċess ekonomiku huwa attribwibbli għall-influwenza ta' persuni ewlenin li jieħdu deċiżjonijiet li jiffavorixxuh, b'mod partikolari fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi.<br><br>Huwa bbenefika mir-relazzjoni personali mill-qrib tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet peress li ngħata kuntratti importanti mill-Istat Russu jew minn intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat. Il-kumpanniji tiegħu ngħataw b'mod notevoli diversi kuntratti li jħallu ħafna qligħ għat-tħejjijiet tal-Logħob Olimpiku ta' Sochi.<br><br>Huwa wkoll is-sid tal-kumpannija Stroygazmontazh li ngħatat kuntratt tal-Istat għall-bini ta' pont mir-Russja għar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment, li b'hekk tikkonsolida l-integrazzjoni tagħha mal-Federazzjoni Russa li b'hekk imbagħad tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.<br><br>Huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li notevolment implimentat il-proġett "Lit-Tfal tar-Russja: Indirizz — Krimea", kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja u b'hekk jappoġġaw il-politika tal-gvern Russu li tintegra l-Krimea fir-Russja. | 30.7.2014 |
| 93. | Konstantin Valerevich MALOFEEV<br><br>(Константин Валерьевич Малофеев) | Data tat-Twelid: 3.7.1974<br><br>Post tat-Twelid: Puschino | Is-Sur Malofeev għandu rabtiet mill-qrib ma' separatisti Ukreni fil-Lvant tal-Ukrajna u l-Krimea. Kien jimpjega lis-Sur Borodai, l-hekk imsejjaħ Prim Ministru tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u ltaqa' mas-Sur Aksyonov, l-hekk imsejjaħ Prim Ministru tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea", matul il-perijodu tal-proċess tal-annessjoni tal-Krimea. Il-Gvern Ukren fetaħ investigazzjoni kriminali dwar l-allegat appoġġ materjali u finanzjarju tiegħu lis-separatisti. Barra minn hekk, huwa għamel numru ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw l-annessjoni tal-Krimea u l-inkorporazzjoni tal-Ukrajna fir-Russja u b'mod partikolari f'Ġunju 2014 iddikjara li "Ma tistax tinkorpora l-Ukrajna kollha kemm hi fir-Russja. Forsi l-Lvant (tal-Ukrajna)".<br><br>Għalhekk is-Sur Malofeev qed jappoġġa d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 94. | Yuriy Valentinovich KOVALCHUK<br><br>(Юрий Валентинович Ковальчук) | Data tat-twelid: 25.7.1951<br><br>Post tat-Twelid: Leningrad (San Pietruburgu). | Is-Sur Kovalchuk ilu jaf lill-President Putin għal żmien twil. Huwa kofondatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' flimkien grupp influwenti ta' individwi madwar il-President Putin.<br><br>Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa l-president u l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya, li fl-2013 kien jippossjedi madwar 38 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat il-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br><br>Barra minn dan, il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li min-naħa tiegħu jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politiki tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |
| 95. | Nikolay Terentievich SHAMALOV<br><br>(Николай Терентьевич Шамалов) | Data tat-Twelid: 24.1.1950<br><br>Post tat-Twelid: Il-Belarussja | Is-Sur Shamalov ilu jaf lill-President Putin għal żmien twil. Huwa kofundatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' grupp influwenti ta' individwi madwar il-President Putin.<br><br>Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa t-tieni l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya, li fl-2013 kien jippossjedi madwar 10 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat il-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br><br>Barra minn dan, il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |
| 96. | Alexander Vladimirovich ZAKHARCHENKO<br><br>(Александр Владимирович Захарченко) | Data tat-Twelid: 26.6.1976<br><br>Post tat-Twelid: Donetsk | Mis-7 ta' Awwissu 2014 'l hawn, ħa post Alexander Borodai bħala l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, Zakharchenko appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 97. | Vladimir<br><br>KONONOV/magħruf ukoll bħala Tsar' (Владимир Петровнч Кононов) | Data tat-Twelid: 14.10.1974<br><br>Post tat-Twelid: Gorsky | Mill-14 ta' Awwissu 'l hawn, ħa post Igor Strelkov/Girkin, bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Hu maħsub li kkmanda diviżjoni ta' ġellieda separatisti f'Donetsk minn April 'l hawn u wiegħed li jsolvi l-kompitu strateġiku li jwaqqaf l-aggressjoni militari tal-Ukrajna. Konokov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| 98. | Miroslav Vladimirovich RUDENKO<br><br>(Мирослав Владимирович Руденко) | Data tat-Twelid: 21.1.1983<br><br>Post tat-Twelid: Debalcevo | Assoċjat mal-"Milizzja tal-Poplu ta' Donbass". Huwa stqarr fost l-oħrajn li ser ikomplu l-ġlied tagħhom fil-bqija tal-pajjiż. Rudenko b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. L-hekk imsejjaħ "Deputat tal-Poplu" fl-hekk imsejjaħ "Parlament tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.9.2014 |
| 99. | Gennadiy Nikolaiovych TSYPKALOV,<br><br>Gennadii Nikolaevich TSYPKALOV<br><br>(Геннадий Николаевич ЦыПлаков) | Data tat-Twelid: 21.6.1973<br><br>Post tat-Twelid: Oblast ta' Rostov (Russja) | Ħa post Marat Bashirov bħala l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Qabel kien attiv fl-Armata tal-milizzja tax-Xlokk. Tsyplakov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| ▼M16 100. | Andrey Yurevich PINCHUK<br><br>(Андрей Юрьевич Пинчук) | Data possibbli tat-twelid: 27.12.1977 | Il-"Ministru tas-Sigurtà Statali" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti. | 12.9.2014 |
| ▼M17 101. | Oleg Vladimirovich BEREZA<br><br>(Олег Владимирович Берёза) | Data tat-Twelid: 1.3.1977 | "Ministru għall-Affarijiet Interni" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 102. | Andrei Nikolaevich RODKIN<br><br>(Андрей Николаевич Родкин) | Data tat-Twelid: 23.9.1976<br><br>Post tat-Twelid: Moska | Rappreżentant f'Moska tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, tkellem fost l-oħrajn dwar kif il-milizzji jinsabu lesti jmorru għal gwerra tal-gwerillieri u s-sekwestru tagħhom ta' sistemi ta' armi mill-forzi armati Ukreni. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| 103. | Aleksandr Akimovich KARAMAN<br><br>(Александр Акимович Караман),<br><br>Alexandru CARAMAN | Data tat-Twelid: 26.7.1956 jew 26.6.1956<br><br>Post tat-twelid, Cioburciu, distrett ta' Slobozia, issa r-Repubblika tal-Moldova | "Viċi Prim Ministru għall-Kwistjonijiet Soċjali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Protett tal-Viċi Prim Ministru tar-Russja Dmitry Rogozin. Kap tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.9.2014 |
| 104. | Georgiy L'vovich MURADOV<br><br>(Георгий Львович Мурадов) | Data tat-Twelid: 19.11.1954<br><br>Post tat-Twelid: Kochmes, Komi ASSR | L-hekk imsejjaħ "Viċi Prim Ministru" tal-Krimea u Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-Krimea għall-President Putin. Muradov qeda rwol importanti fil-konsolidazzjoni tal-kontroll istituzzjonali Russu fuq il-Krimea minn mindu saret l-annessjoni illegali. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| 105. | Mikhail Sergeyevich SHEREMET<br><br>(Михаил Сергеевич Шеремет) | Data tat-twelid: 23.5.1971<br><br>Post tat-Twelid: Dzhankoy | L-hekk imsejjaħ "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-Krimea. Sheremet qeda rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tar-referendum tas-16 ta' Marzu fil-Krimea dwar l-unifikazzjoni mar-Russja. Fi żmien ir-referendum, kien hemm rapporti li Sheremet ikkmanda lill-"forzi ta' awtodifiża" favur Moska fil-Krimea. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| 106. | Yuri Leonidovich VOROBIOV<br><br>(Юрий Леонидович Воробьев) | Data tat-twelid: 2.2.1948<br><br>Post tat-Twelid: Krasnoyarsk | Viċi Speaker tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Vorobiov appoġġa pubblikament fil-Kunsill tal-Federazzjoni l-iskjerament ta' forzi Russi fl-Ukrajna. Wara huwa vvota favur id-digriet relatat. | 12.9.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 107. | Vladimir Volfovich ZHIRINOVSKY<br><br>(Владимир Вольфович Жириновски) | Data tat-Twelid: 25.4.1946<br><br>Post tat-Twelid: Alma-Ata, SSR Kazaka | Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; Mexxej tal-partit LDPR. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukraina u l-annessjoni tal-Krimea. Appella b'mod attiv li tinqasam l-Ukraina. Iffirma, f'isem il-partit LDPR li huwa jippresiedi, ftehim mal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.9.2014 |
| 108. | Vladimir Abdualiye-vich VASILYEV<br><br>(Васильев Владимир Абдуалиевич) | Data tat-Twelid: 11.8.1949<br><br>Post tat-Twelid: Klin | Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti fede-rali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 109. | Viktor Petrovich VODOLATSKY<br><br>(Виктор Петрович Водолацкий) | Data tat-Twelid 19.8.1957<br><br>Post tat-Twelid: Stefanidin Dar, reġjun ta' Rostov | President ("ataman") tal-Unjoni tal-Forzi Kosakki Russi u Barranin, u deputat tad-Duma tal-Istat. Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea u ammetta li l-Kosakki Russi kellhom involviment attiv fil-konflitt Ukren fuq in-naħa tas-separatisti appoġġati minn Moska. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituz-zjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 110. | Leonid Ivanovich KALASHNIKOV<br><br>(Леонид Иванович Калашников) | Data tat-Twelid: 6.8.1960<br><br>Post tat-Twelid: Stepnoy Dvorets | L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti fede-rali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 111. | Vladimir Stepanovich NIKITIN<br><br>(Владимир Степанович Никитин) | Data tat-Twelid 5.4.1948<br><br>Post tat-Twelid: Opochka | L-Ewwel eks Viċi President tal-Kumitat dwar ir-Relazzjonijiet mal-Pajjiżi tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u r-Rabtiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti fede-rali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni ghall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 112. | Oleg Vladimirovich LEBEDEV<br><br>(Олег Владимирович Лебедев) | Data tat-Twelid 21.3.1964<br><br>Post tat-twelid: Rudny, reġjun ta' Kostanai, SSR Kazaka | L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar ir-Relazzjonijiet mal-Pajjiżi tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u r-Rabtiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 113. | Ivan Ivanovich MELNIKOV<br><br>(Иван Иванович Мельников) | Data tat-Twelid: 7.8.1950<br><br>Post tat-Twelid: Bogoroditsk | L-Ewwel Viċi Speaker, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 114. | ►C6 Igor Vladimirovich LEBEDEV<br><br>(Игорь Владимирович Лебедев) ◄ | Data tat-Twelid: 27.9.1972<br><br>Post tat-Twelid: Moska | Viċi Speaker, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 115. | Nikolai Vladimirovich LEVICHEV<br><br>(Николай Владимирович Левичев) | Data tat-Twelid: 28.5.1953<br><br>Post tat-Twelid: Pushkin | Viċi Speaker, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 116. | Svetlana Sergeevna ZHUROVA<br><br>(Светлана Сергеевна Журова) | Data tat-Twelid 7.1.1972<br><br>Post tat-Twelid: Pavlov-on-the-Neva | L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvotat favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 117. | Aleksey Vasilevich NAUMETS<br><br>(Алексей Васильевич Наумец) | Data tat-Twelid: 11.2.1968 | Maġġur Ġeneral tal-Armata Russa. Huwa l-kmandant tas-76 diviżjoni tal-ajru li kienet involuta fil-preżenza militari Russa fit-territorju tal-Ukrajna, partikolarment waqt l-annessjoni illegali tal-Krimea. | 12.9.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 118. | Sergey Viktorovich CHEMEZOV<br><br>(Сергей Викторович Чемезов) | Data tat-Twelid: 20.8.1952<br><br>Post tat-Twelid: Cheremkhovo | Sergei Chemezov huwa wieħed minn dawk magħrufa bħala assoċjati mill-qrib mal-President Putin, it-tnejn kienu uffiċjali tal-KGB stazzjonati fi Dresden u huwa membru tal-Kunsill Suprem tar-"Russja Magħquda". Huwa qiegħed igawdi mir-rabtiet tiegħu mal-President Russu billi ġie promoss għal karigi għoljin f'kumpanniji kkontrollati mill-Istat. Huwa jippresiedi l-konglomerat ta' Rostec, il-korporazzjoni tad-difiża u l-manifattura industrijali ewlenija Russa kkontrollata mill-Istat. Wara deċiżjoni tal-gvern Russu, Technopromexport, sussidjarja ta' Rostec, qed tippjana li tibni impjanti tal-enerġija fil-Krimea u b'hekk tappoġġa l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br><br>Barra minn hekk, Rosoboronexport, sussidjarja ta' Rostec, appoġġat l-integrazzjoni ta' kumpanniji tad-difiża mill-Krimea fl-industrija tad-difiża tar-Russja, u b'hekk ikkonsolidat l-annessjoni illegali tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 12.9.2014 |
| 119. | Alexander Mikhailovich BABAKOV<br><br>(Александр Михайлович Бабаков) | Data tat-Twelid: 8.2.1963<br><br>Post tat-Twelid: Chisinau | Deputat tad-Duma tal-Istat, President tal-Kummissjoni tad-Duma tal-Istat dwar Dispożizzjonijiet Leġislattivi għall-Iżvilupp tal-Kumpless Militari-Industrijali tal-Federazzjoni Russa. Huwa membru prominenti tar-"Russja Magħquda" u negozjant b'investimenti importanti fl-Ukrajna u fil-Krimea.<br><br>Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 120. | Serhiy KOZYAKOV (magħruf ukoll bħala Sergey Kozyakov)<br><br>Сергей Козьяков | Data tat-Twelid: 29.9.1982 | Fil-kapaċità tiegħu bħala "Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali ta' Luhansk" huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi organizza l-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 121. | Oleg Konstantinovich AKIMOV magħruf ukoll bħala Oleh AKIMOV<br><br>(Олег Константинович Акимов) | Data tat-Twelid:: 15.9.1981<br><br>Post tat-Twelid: Lugansk | Deputat fl-"Unjoni Ekonomika ta' Lugansk" fil-"Kunsill Nazzjonali" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 122. | Larisa Leonidovna AIRAPETYAN magħrufa wkoll bħala Larysa AYRAPETYAN, Larisa AIRAPETYAN jew Larysa AIRAPETYAN<br><br>(Лариса Леонидовна Айрапетян) | Data tat-Twelid: 21.2.1970 | "Ministru għas-Saħħa" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Ħarġet bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet", tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".<br><br>Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br><br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant hija appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 123. | Yuriy Viktorovich SIVOKONENKO magħruf ukoll bħala Yuriy SIVOKONENKO,<br><br>Yury SIVOKONENKO, Yury SYVOKONENKO (Юрий Викторович Сивоконенко) | Data tat-Twelid: 7.8.1957<br><br>Post tat-Twelid: Donetsk | Membru tal-"Parlament" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u jaħdem fl-Unjoni ta' veterani tad-Donbass Berkut. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk." Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |

▼M17

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 124. | Aleksandr Igorevich KOFMAN magħruf ukoll bħala Oleksandr KOFMAN<br><br>(Александр Игоревич Кофман) | Data tat-Twelid: 30.8.1977<br><br>Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk) | L-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" u l-hekk imsejjaħ "L-Ewwel viċi speaker" tal-"Parlament" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" illegali tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Dawn "l-elezzjonijiet" huma fi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 125. | Ravil Zakarievich KHALIKOV<br><br>(Равиль Закариевич Халиков) | Data tat-Twelid: 23.2.1969<br><br>Post tat-Twelid: villaġġ ta' Belozere, Romodanovskiy rayon, USSR | "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" u l-"Prosekutur Ġenerali" preċedenti tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
